# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 27 ta' Ottubru 2023**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali ezekuttiva ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta Numru 1421/22**

**Brian Demicoli (K.I. 476273M)**

**vs**

**Kurt Vella St John (K.I. 114290M)**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Numru: 189/22 NB**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

**Rat ir-Rikors ta' Kurt Vella St John (K.I. 114290M) datat 25 ta' Awwissu 2022 fejn gie premess:**

*1. Illi fl-17 ta' Gunju 2022 Brian Demicoliipprezenta fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ittra gudizzjarja ai termini tal-Artikolu (166A) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-esponenti (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A) fejn talab ghall-hlas tas-somma ta' tnax-il elf, mija, wiehed u erbghin Euro tlieta u disghin centezmu (€12.141.93)) li skond hu kien cert likwidu u dovut u liema somma allegatament tirraprezenta l-prezz ta' servizzi relatati ma' bini prestati minnu a favur tal-esponenti fil-fond numru 92 u 93, Triq il-Kbira, Siggiewi, kif ukoll allegat prezz ta' materjal;*

*2. Illi fil-10 ta' Awwissu 2022 l-istess ittra ufficiali giet reza ezekuttiva, u dan ad insaputa tal-esponenti li ma wegibx ghall-istess ittra entro t-terminu moghti mill-ligi;*

*3. Illi esponenti joggezzjona bil-qawwa kollha ghal dawn il-precitati proceduri, atti gudizzjarji u anke ghat-titolu ezekuttiv li r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili kostitwixxa fir-rigward ta' dik l-ittra ufficcjali, u dan ghas-segwenti ragunijiet, cioe':*

i. *Illi fl-ewwel lok l-ittra ufficiali de quo ma tinkwadrax ruhha fir-rekwiziti rikjesti ad validitatem mil-ligi a priori sabiex l-Artikolu 166A ikun jista' jigi applikat, u ghaldaqstant Brian Demicoli ma seta' qatt jaddotta dina l-procedura fil-konfront tal-esponenti għad-debitu minnu pretis. L-artikolu 166A(1) tal-Kap 12 jaghmilha cara illi kreditur jista' biss jaghmel uzu minn dina l-procedura specjali kemm-il darba d-debitu pretiz ikun wiehed cert, likwidu, u li ghalaq. Illi fil-kaz odjern, il-kreditu vantat minn Demicoli fl-ittra ufficjali surriferita la huwa cert, la likwidu, u lanqas dovut. Sabiex ikun hemm hlas u cioe sabiex kreditu ikun dovut il-kreditur irid johrog invoice lid-debitur, xi haga illi ma saritx u għaldaqstant jekk kreditu mhux dovut mela wisq anqas huwa likwidu u cert;*

ii. *Illi l-ittra ufficjali fuq imsemmija (Dok. "A") numru 1421/22 hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi stante li, hekk kif jirrizulta mill-istess ittra, ma fihiex ir-raguni li fuqha giet imsejsa t-talba, lanqas fiha r-ragunijiet għaliex it-talba ghandha tintlaqa' u lanqas ma fiha dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba hekk kif lanqas biss hemm invoices jew deskrizzjoni tal-allegat xoghol jew ircevuti tal-materjal illi ssemmi fl-ittra u lanqas il-perijodu matul liema saru dawn l-allegati xogholijet;*

*4. Illi għalhekk, ghar-ragunijiet premessi, il-precitata ittra ufficcjali numru 1421/22 fl-ismijiet premessi hija nulla u minghajr effett daqstant iehor huwa null u minghajr effett il-precitati mandat ta' sekwestru numru 1820/2022 (Dok. "B");*

*5. Illi għalhekk huwa l-kaz li l-esponenti jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti bil-ghan illi dina l-istess Qorti tordna li, a' tenur tal-artikoli relevanti tal-ligi, fosthom dawk tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-titolu ezekuttiv li inkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tal-ittra ufficjali precitata bin-numru 1421/22 fl-ismijiet fuq premessi għandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett peress illi, skond kif ser jigi ppruvat fil-proceduri odjerni, l-ittra ufficiali precitata ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi konsegwentement u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jissottometti, illi d-dikjarazzjoni li tikkontjenu l-ittra ufficiali de quo ma tissodisfax dak rikjest mill-Artikolu 166A(2) u dan peress illi tali dikjarazzjoni certament ma tistax tirrinkwadra f'dak li l-Qrati taghna rritenew bhala raguni cara li fuqha qegħda tigi (1) imsejsa t-talba u (2) li fuqha għandha tintlaqa' t-talba, flimkien ma’ (3) dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;*

*7. Illi Brian Demicoli fin-nuqqas ta' dettalji essenzjali sabiex tigi identifikata t-talba per se lanqas pproduca mad-dokumenti bhala kuntratt jew invoice iffirmata sabiex isosstni t-talba tieghu, u l-esponenti jissottometti li huma essenzjali sabiex jigu sodisfatti d-dettami tal-Artikolu 166A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*8. Illi ghandu jinghad illi l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jingħad li fiha "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba'. Dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullita' tal-ittra ufficjali ghall-finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jagħti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'pozizzjoni li jista' jiddeciedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubbju f'dan il-kaz Demicoli kellu jsemmi ta' liema xogholijiet u/jew materjal kien qiegħed jippretendi hlas specjalment meta qatt ma hareg invoice lill-esponenti;*

*9. Illi f'dan il-kuntest, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet 'Perit Edwin Mintoff vs Lawrence Pisani et' (Avviz numru 267/2010) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-31 ta' Awwissu, 2012, fejn il-Qorti rriteniet illi r-raguni il-ghala ghandha tintlaqa t-talba kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatt in sostenn tat-talba ma tistax tkun prezunta izda attwata;*

*10. Illi għaldaqstant hemm lok li l-ittra ufficjali surreferita tigi ddikjarata nulla u bla effett fit-termini ta' l-artikolu 166A, u jithassar it-titolu ezekuttiv, liema dikjarazzjoni ghandha necessarjament twassal biex il-mandat ta' qbid esekuttiv numru 20/2012 ipprezentat fit-3 ta' Frar 2012, jigi wkoll revokat:*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent jitlob bit-rispett:*

*1. Tappunta dan ir-rikors għas-smiegh f'gimghatejn kif irid l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili;*

*2. Tiddikjara nulla u minghajr effett l-ittra ufficjali numru 1421/22 fl-ismijiet premessi (Dok. "A") u tirrexindi t-titolu ezekuttiv ottjenut permezz ta' l-istess precitata ittra ufficcjali (Dok. "A");*

*3. Tirrevoka, thassar u tikkancella l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1820/2022 (Dok. "B");*

*Salv għal kull provvediment ichor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li timponi ulterjorment.*

*Bl-ispejjez*

**Rat ir-Risposta ta' Brian Demicoli (ID No. 476273M) (a fol 26) datata 24 ta' Ottubru 2022 fejn gie eccepit:**

1. *Illi l-esponenti qieghed jirrespingi bis-sahha kollha t-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tal-fatt illi l-ittra uffiċjali odjerna hija konformi mar-rekwiziti indikati f'sub-artikolu 166A (1), (2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet;*

   i. *Illi ai termini tal-artikolu 166A (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ittra uffiċjali għandha jkun fiha r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, "ragunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa", u finalment "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba".*

   ii. *Illi mis-semplici qari tal-ittra uffiċjali de quo, huwa carissimu illi t-talba giet msejsa a bazi tal-fatt illi ingħataw "servizzi relatati ma' bini prestati mill-mittenti a favur tiegħek fil-fond bin-numru 92 u 93, Triq il-Kbira, Siggiewi kif ukoll prezz ta' materjali ikkonsenjat lilek, u dan fuq inkarigu tieghek stess".*

   iii. *Illi mis-semplici qari tal-ittra uffiċjali de quo ukoll, huwa car illi r-raġuni għaliex it-talba għandha tintlaqa' hija illi r-rikorrenti baqa' ma hallasx l-ammont dovut minnu u dan b'referenza għal dika l-parti illi tghid "minkejja li inti gejt interpellat thallas dan l-ammont lill-mittenti, int bqajt inadempjenti u għalhekk kellha tigi adattata din il-procedura fil-konfront tieghek";*

   iv. *Illi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba, il-frażijiet "rapprezentanti servizzi relatati ma' bini prestati mill-mittenti a favur tieghek fil-fond bin-numru 92 u 93, Triq il-Kbira, Siggiewi, kif ukoll prezz ta' materjali ikkonsenjat lilek, u dan fuq inkarigu tieghek stess" u li "int bqajt inadampjenti", iservu tajjeb ghall-fini tad-dikjarazzjoni cara tal-fatti rikjesta mill-liġi ad validitatem, liema dikjarazzjoni giet ikkonfermata bil-gurament tal-esponenti;*

   v. *Illi in vista' ta' dan kollu l-ittra uffiċjali fiha dettalji biżżejjed sabiex id-debitur jifhem preċiżament f'hiex jikkonsisti l-kreditu, u sabiex ikun f'posizzjoni illi jidditermina jekk għandux jilqa' għall-pretensjoni tal-kreditur jew le. Pero minkejja dan, ir-rikorrenti naqas milli jippreżenta nota ta' kontestazzjoni u għaldaqstant l-ittra uffiċjali de quo tikkonssisti titolu eżekuttiv kontra l-intimat debitur;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-debitur qiegħed jibbaza r-rikors tieghu wkoll fuq il-fatt ukoll illi l-ammont "mhux cert, likwidu u dovut", u dan*

*ghas-semplici raguni illi huwa m'ingħatax invoice sabiex iħallas għas-servizz prestati mill-esponenti lilu. Madanakollu, il-ligi ma tobbligax lill-kreditur joħroġ fattura, specjalment meta l-kreditur jkun għadu lanqas biss thallas;*

*3. Illi in oltre' ir-rikorrent kien jaf ben tajjeb x'kienu l-pretensjonijiet tal-esponenti għax dwarhom kien hemm skambju ta' kommunikazzjoni. B'hekk mhu minnu xejn dak li qieghed jallega r-rikorrenti, anzi huwa qiegħed juża dina l-procedura sabiex jittenta li jikkontesta l-ittra uffiċjali għaliex irrealizza li l-esponenti ottjena titolu eżekuttiv fil-konfront tieghu. Il-fatt illi r-rikorrenti naqas milli jottempera ruhu maż-żmien li ttih l-ligi sabiex jikkontesta l-imsemmija ittra uffiċjali, ma jfissirx illi jista' jadotta dina l-proċedura, liema procedura hija biss intiza għal sitwazzjonijiet straordinarji u mhux f'każ ta' traskuragni di parti tar-rikorrenti debitur.*

*4. Illi finalment, it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur intavolati mir-rikorrenti huma sempliċiment intizi sabiex jivvessaw lill-esponenti fl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv validament u legittimament ottenut minnu fil-konfront tal-istess debitur.*

*Għaldaqsant u għar-ragunijiet sopra-indikati, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi provvedimenti oħrajn, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fl-intier taghhom, bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

**Rat il-verbali tas-seduti.**

**Rat l-atti proċesswali kollha.**

**Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 2023 fejn ir-rikors thalla ghallum ghad-decizjoni.**

**Rat in-Noti ta' Osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet u ċioe' dik tar-rikorrenti Vella St. John ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2023 (fol 55 et seq) u dik tal-intimat Demicoli ppreżentata fit-23 ta' Awwissu 2023 (fol 62 et seq).**

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' dawn il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikorrenti qiegħed jikkontesta l-ittra uffiċjali numru 1421/2022 (Dok A – fol 4) ippreżentata ai termini tal-Art. 166A tal-Kap.12.

**Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2023 xehed ir-rikorrenti Vella St. John** li l-intimat Demicoli ħadem bħala bennej fil-proprjeta' tiegħu fis-Siġġiewi. Il-ħlas kien ġeneralment isir wara li jitlesta x-xogħol f'kull sular u jitkejjel mill-Perit. Ikkonferma li kien hemm xogħolijiet

li tkejjlu u ma tħallsux għaliex kien hemm xi nuqqasijiet. Meta rċieva l-ittra ufficċjali kellem avukata għaliex l-ammont reklamat ma kienx jirrifletti l-kont maħruġ mill-Perit. **In kontro-eżami fis-seduta tat-28 ta' April 2023** żied li l-kont ma ħallsux għaliex ix-xogħol ma kienx tlesta kollu u huwa qatt ma rċieva invoice.

**Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 l-intimat xehed** li l-kwistjoni inqagħlat biss fir-rigward tal-aħħar sular tal-binja. Il-Perit tal-proġett kien ħareġ il-kont għal dan is-sular fl-ammont ta' €12,141.93 liema kont ma ġiex ikkontestat mir-rikorrenti. **In kontro-eżami fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2023** spjega li l-prassi kienet li l-kontijiet jinħarġu mill-Perit tal-proġett.

**IKKUNSIDRAT**

L-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 jipprovdi:-

> *(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*
>
> *(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
>
> *(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).*

It-titolu eżekuttiv jiġi annullat *inter alia* jekk il-ħtiġijiet stipulati fis-subinċizi (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A jkunu nieqsa. L-Artikolu 166A(2) jippreskrivi li fl-ittra ufficjali "għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-ittra uffiċjali għandha tiġi annullata għaliex:-

1. L-ittra ma tinkwadrax fir-rekwiżiti rikjesti mil-liġi għaliex id-dejn mhuwiex ċert, likwidu u dovut;

2. L-ittra hija nieqsa mir-raġuni li fuq ġiet imsejsa t-talba u lanqas fiha r-raġunijiet għaliex għandha tintlaqa' u lanqas ma fiha dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba għaliex hija nieqsa minn invoices, deskrizzjoni tal-allegat xogħol, irċevuti tal-materjal illi jisemma fl-ittra, kuntratt u lanqas il-perjodu matul liema saru l-allegati xogħolijiet.

Il-Qorti ser tirriproduċi dak li ntqal fl-ittra uffiċjali. F'din l-ittra jingħad:-

> *"Permezz tal-preżenti, Brian Demicoli, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 476273M ta' 9, Alley 1, St. Mary Street, Tarxien, jinterpellak sabiex immedjatament u in ogni każ sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem mid-data tan-notifika tal-preżenti ittra, tħallas is-somma ta' tnax-il elf, mija, wieħed u erbgħin Euro tlieta u disgħin ċenteżmu (€12,141.93) rappreżentanti l-prezz ta' servizzi relatati ma' bini prestati mill-mittenti a favur tiegħek fil-fond bin-numru 92 u 93, Triq il-Kbira, Siġġiewi kif ukoll materjal ikkonsenjat lilek u dan fuq inkarigu tiegħek stess".*

F'każ simili għal dak odjern mertu tas-sentenza **Joseph Camilleri vs Joseph Magro (Rik. Nru. 20/2012/1 JD)** deċiża fit-30 ta' Marzu 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri daħlet fl-elementi rikjesti għal validita ta' ittra uffiċjali ppreżentata ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12. F'din is-sentenza ngħad:-

> *Dwar il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 u r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) fis-sentenza fl-ismijiet Noel Sultana v. Andrew Mercieca inghad illi permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha "dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba". Il-kliem "ghal xoghol u parts" m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti".*
>
> *Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba". Madanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità ta' l-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spiega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li sar u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu ma' l-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in*

*kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat.'*

*Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Vincent Borg vs Shaun Risiott*[1] *l-insenjament li johrog minn din is-sentenza huwa wiehed car: il-procedura ntrodotta bl-Artikolu 166A tal-Kap.12 hija procedura specjali hafna u dak dettat mil-legislatur ghall-validità taghha ghandu jigi segwit rigorosament.*

*.......*

*Proprju ghaliex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A hija ntiza biex jigi ottenut titolu ezekuttiv minghajr il-htiega ta' procedimenti gudizzjarji ulterjuri, f'kaz ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tad-debitur, huwa necessarju li dik l-ittra jkun fiha d-dettal kollu mehtieg biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar x'hiex jittratta d-dejn izda wkoll biex ikun f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew f'parti minnha biss.*

Il-Qorti tinnota illi filwaqt li fl-ittra ufficjali *de quo* r-raġuni tat-talba hija identifikabbli u cioe' huwa car li l-intimat odjern qiegħed jitlob kreditu rappreżentanti appalt relatat ma' bini ġewwa indirizz speċifiku – 92 u 93 fi Triq il-Kbira s-Siġġiewi, minn naha l-ohra r-rikorrenti jilmenta li l-ittra ufficjali hija nieqsa mid-dikjarazzjoni tal-fatti u r-raguni fuq liema ġiet imsejsa t-talba. Il-Qorti tinnota li l-ittra ufficjali hija nieqsa mill-elenku formali tal-fatti.

Fix-xhieda tiegħu fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 (fol 38 et seq) l-intimat jgħid li huwa kien jitħallas wara li kien jibni kull sular u x-xogħol kien jitkejjel u jiġi approvat mill-Perit Daryl Cutajar. Il-Perit kien jibagħat kopja tal-kont lill-partijiet u l-intimat kien jitħallas mir-rikorrenti skond dan il-kont. Kopja ta' dan il-kont ma ġietx esebita la mal-ittra ufficjali u lanqas f'dawn il-proċeduri. Lanqas ma xehed il-Perit Daryl Cutajar sabiex jispjega kif wasal għas-somma ta' €12,141.93. Fin-nuqqas ta' provi li jsostnu kif l-intimat wasal għal din is-somma indikata fl-ittra ufficjali nnifisha, ma jistax jitqies li d-dikjarazzjoni tal-fatti hija sostanzjata mill-kont allegatament maħruġ mill-Perit Cutajar u l-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni jekk id-dejn ossia l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali huwiex wieħed ċert. Għaldaqstant fid-dawl tal-insenjamenti gurisprudenzjali sudetti u fid-dawl tal-fatti kif jirrizultaw f'dawn il-proceduri it-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata.

## III. KONKLUŻJONI

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:-

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

[1] Avviz Nru: 175/2011GV deciz fit-18 ta' Awwissu 2011

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara nulla u mingħajr effett l-ittra uffiċjali numru 1421/22 fl-ismijiet "Brian Demicoli vs Kurt Vella St. John" u tirrexindi t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz ta' l-istess preċitata ittra uffiċjali;

3. Tilqa' t-tielet talba u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1820/2022 fl-ismijiet "Brian Demicoli vs Kurt Vella St. John"

4. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Brian Demicoli.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Ottubru 2023**